**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 88/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin Farrugia)**

**vs**

**Augustine sive Winston Bonello**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2020

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Augustine sive Winston Bonello, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 451066M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-15 ta' Jannar, 2009 ghal habta tas-saghtejn nieqes ghaxra ta\` wara nofs in-nhar (01:50pm) waqt li kien qed isuq vettura (Minibus) bin-numru ta\` registrazzjoni GMY014 tal-ghamla LDV fi Triq il-Kosta, is-Salina, limiti ta\` Bahar ic-Caghaq u f'inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin:

1. B'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta` tharis ta` regolamenti ikkaguna griehi:

a) Ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Kenneth Francis Abela, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 465880M skont kif iccertifika Dr. Bugeja M.D. (reg. 3052) tal-isptar Mater Dei;

b) U aktar talli ikkaguna griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Roderick Mangion, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 2116776M skont kif iccertifika Dr. M. Spiteri, M.D. (reg. 2666) tal-Isptar Mater Dei;

c) U aktar talli ikkaguna griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Sean Buttigieg (minorenni) skont kif iccertifika Dr. N. J. Vassallo, M.D.

2. Saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz, meta habat ma` vettura bin-numru ta` registrazzjoni EBA981 u kkagunalha hsara involontarja ghad-dannu ta` Tancred Tabone, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 793652M u terzi persuni ohra;

3. U aktar talli saq b'velocita` eccessiva.

Aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-tnejn u ghoxrin (22) ta` Gunju, 2004 mill-Onor. Magistrat Dr. A. J. Vella, LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta` htija, tiskwalifika lill-imsemmi Augustine sive Winston Bonello milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tassewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Frar, 2015 li biha lliberat lill-imputat minn kull imputazzjoni lilu ddebitata.

.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 2015, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata wara li tisma dan l-appell u minflok ssib lill-appellat Augustine sive Winston Bonello hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-ligi u fil-parametri relattivi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali fejn l-imputat, li kien qed isuq *minivan* bi tfal tal-iskola fuqu, spicca mahbut *head on* ma' vettura gejja mid-direzzjoni opposta filwaqt li kien qieghed fuq il-kareggjata taghha. Fl-incident, is-sewwieq tal-vettura l-ohra u l-passiggier tieghu

sofrew offizi ta' natura gravi filwaqt illi wiehed mill-passiggiera tal-imputat sofra offizi ta' natura hafifa. L-imputat kien lliberat minn kull imputazzjoni u dan l-appell huwa tal-Avukat Generali li hassu aggravat bis-sentenza appellata ghar-ragunijiet li ser ikunu kunsidrati *seriatim*;

2. Illi b'rinviju ghall-gudizzju tal-11 ta' Mejju 2011 (fol 199) l-Avukat Generali baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 226(1)(a)(b)(c), tal-Kap 9; 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 u 17, 49,50,31 u 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Jokkorri, izda, qabel xejn jinghad illi din il-Qorti ma tistax ma tivventilax id-dispjacir taghha ghal mod kif l-ewwel Qorti ddispensat mill-kawza mqieghdha ghall-gudizzju taghha. Dan il-process ra l-inizzju tieghu f'Lulju tas-sena 2009. Wara process ta' xejn anqas minn 292 pagna akkolti fuq medda ta' sitt snin, l-ewwel Qorti, wara s-solita rassenja tal-fatti bir-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet u ddikjarat li rat l-atti u semghet il-provi, ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni singolari li qed tkun riprodotta mal-parti decizorja tas-sentenza:

> *Ikkunsidrat:*
> *Illi l-Qorti rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet taz-zewg partijiet u ma tara l-ebda raguni li ma taghmilx taghha l-argumenti prezentati fn-nota ta' sottomissjonjiet tad-difiza.*

*Ghalhekk taghmilhom taghha u tillibera lill-imputat minn kull akkuza lilu ddebitati*

*Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat* [jekk kien hemm ghalfejn tispjega lill-imputat li kien liberat].

4. Ghad illi ma hemm xejn f'din is-sentenza li tirrendiha karenti minn dak li jitlob l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, certament illi, f'kawza ta' din in-natura, kien ikun aktar desiderabbli li l-Qorti tesponi r-ragunamenti li rradikaw il–konkluzzjoni taghha;

**Provi dwar id-dinamika tal-kollizzjoni:**

5. Ventilat dan, tajjeb li jkunu riprodotti in sintesi l-provi mressqa. **L-Ispetter Kevin Farrugia** xehed illi kien ha l-istqarrija tal-imputat li esebixxa bhala **Dok KF** in atti li ttiehdet fil-21 ta' Mejju, 2009 ghaliex kien ghadu qed jistenna li jircievi certifikati medici fosthom dak tal-imputat li kien certifikat li kien sofra offizi gravi (ara certifikat mediku fol 6). Pero' l-incident kien investigah PS 1131;

6. **PS1131** spjega kif mar minnufih fuq il-post tal-incident fejn is-salini fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq u hemm sab min bus GMY 104 misjuq mill-imputat u vann EBA 981 misjuq minn Roderick Mangion b'dan u l-passiggier tieghu Kenneth Francis Abela t-tnejn maqbuda fih u li ftit wara inhargu mill-membri tal-Protezzjoni Civili. Il-mini bus kien mghobbi bit-tfal u tlieta minnhom sofrew offizi ta' natura hafifa. Fuq il-post kien avvicinat minn zewg persuni li kienu indipendenti

mill-incident. Frangesca Fenech qaltlu li kienet qed issuq il-vettura taghha tul ta' zewg vetturi wara l-minibus u li ratu jaqbez vettura ohra meta spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq u spicca *head on* gol vann l-iehor. Xhud okulari iehor , Robert Bonnici, infurmah li l-minibus kien ssorpassah ftit qabel fejn il-Coastline Hotel u staqsa lilu nniffsu ghaliex kien qed jinsaq b'dan il-mod meta kien mghobbi bit-tfal u meta wasal fejn is-Salini sab il-kollizzjoni. L-istess Ufficcjal qal li kien infurmat illi x'aktarx li l-minibus kien qed isegwi xi vettura Peugeot 405 kulur blu bl-ittra ta' registrazzjoni COD;

7. Minn stharrig li ghamel PS1131 irnexxielu jintracca l-vettura tal-marka Peugeot ta' kulur blu bin-numru ta' registrazzjoni GOD 184 appartenenti lil certu Godwin Schembri u li minn dak li spjega fix-xhieda tieghu s-Surgent rrizulta li kien qed isuq f'dik it-triq proprju f'dak il-hin. [Godwin Schembri ta d-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk, sa fejn ma jirrizultawx xi differenzi, dak li qal lis-Surgent mhux ser ikun rikapitolat]. Is-Surgent esebixxa ukoll skizz mmarkat Dok PS1 a fol 33. Dan juri l-minibus mahbut *head on* mal-vann gej mid-direzzjoni opposta izda fuq in-naha kompletament tal-van, igifieri bil-habta tirrizulta fuq il-kareggjata tad-direzzjoni opposta. Ikkonferma ukoll illi kien kellem lix-xufier tal-minibus minghajr ma tah id-dritt li jikkonsulta ma' avukat u dan ghaliex f'dak iz-zmien ma kellux struzzjonijiet biex jaghmel hekk;

8. **Roderick Mangion** xehed illi dakinhar kien qieghed fuq xoghol bil-vann sejjer minn Bahar ic-Caghaq lejn il-Madliena u mieghu kellu l-kollega tieghu Kenneth Abela. Dakinhar kienet ix-xita u kienu ghaddejjin bil-50km fis-siegha fuq in-naha

tieghu meta f'daqqa wahda ra karozza taqbez karozza ohra mid-direzzjoni opposta. Hu serrah rasu li kienu jghaddu t-tnejn izda " *f'daqqa wahda dan il-minibus ddecieda li jaqlaghhom it-tnejn (2) qed tifhem jigifieri gie t-tielet (3) karozza hu qed tifhem u gie go fina qed tifhem head on. Minn dak inhar 'l hawn hajta nbidlet ta' taht fuq jiena*". Is-segwenti estratt mid-deposizzjoni tieghu tispjega id-dinamika tal-incident mill-ottika ta' dan ix-xhud (fol 54):

P. Civile: OK. Meta sar l-incident inti qed tghid li kont fuq sajdek.

Xhud:: Ezatt.

P.Civile: Il-parti l-ohra x'gara? Kif gara l-incident?

Xhud: Il-parti l-ohra dan kien hemm karozza qabzet karozza ohra mbaghad il-minibus qabzithom it-tnejn (2).

Qorti: Jigifieri l-karozza li qabzet kienet the middle car...

Xhud: Ezatt.

Qorti .... qabzet il-karozza ta' quddiema, issa din l-ewwel wahda li qabzet tiftakr x'kienet il-karozza?

Xhud: Ma niftakarx c'kienet.

Qorti: All right. Imbaghad il-minivan illi kienet the third (3) car hareg minn warajhom u qabizhom it-tnejn(2).

Xhud: Ezatt.

P. Civile: U meta qabizhom it-tnejn (2) ...

Qorti: X'gara mbaghad x'gara?

**Xhud:** **Ma lahaqx qabilhom [qabizhom] hu ghax x'hin hareg imbaghad sab lili hu.**

**P. Civili:** **Issa meta sab lilek sabek fuq liema kareggjata?**

**Xhud:** **Fil-karegjata tieghu tax-xellug.**

9. Ix-xhud spjega ukoll l-offizi li sofra konsegwenza tal-incident b'saqah it-tnejn miksura u *pulminary embolism* dwar liema ghamel xxahar l-isptar oltre zmien iehor wara minhabba komlikazzjonijiet u htiega ta' interventi ohra u li llum ma jistghax jaghmel aktar minn saghtejn bil-wieqfa;

10. **Kenneth Abela** xehed li kien passiggier ma' Roderick Magion fil-vettura tax-xoghol gejjin minn naha tal-Kennedy Grove sejrin fid-direzzjoni lejn Bahar ic-Caghaq. Quddiemu ra vettura qed taqla' ohra gejja mid-direzzjoni opposta imbaghad ra minibus li qalghet iz-zewg vetturi f'daqqa u din giet *head on* go fihom. Il-vettura misjuqa minn Magion kienet vann u fuqha kellhom *fridge* u kienu ghaddejjin mhux aktar minn 40km fis-siegha u dan ghaliex kienu ghadhom kemm bdew mexjin. Kawza ta' hekk sofri offizi f'rasu, idejh u saqajh. Spjega kif konsegwenza tal-incident ibghati minn *detached retina* u *dilated eye* permanenti u mghadux jara bl-istess mod kien kien jara qabel minn din l-ghajn. Sofra ksur f'idu llum rrangat bil-hadid u l-istess f'saqajh u dam aktar minn sitt xhur fil-kura apparti terapija u interventi bil-laser f'ghajnejh;

11. **Francesca Fenech** spjegat kif dakinhar kienet qed issuq fuq din it-triq gejja mid-direzzjoni ta' Swieqi sejra lejn il-Qawra. Kienet hafna xita, ghaddejja fuq is-side taghha kemm

kemm ticcaqlaq peress illi x-xita kienet niezla sew u hin minnhom qabzitha minibus hamra billi maret fuq il-kareggjata l-ohra u wara regghet dahelt lura f'postha izda reghet harget, tfacca vann abjad u saret il-habta. Ix-xhud semghet hafna ghajjat u biki tat-tfal u ghalhekk waqqfet biex tghinhom johorgu mill-minibus. Tajjeb hawn ukoll li tkun riprodotta parti mid-deposizzjoni ta' din ix-xhud a fol 71 tal-atti processwali:

**Difiza:** **Mhux meta he overtook you, the second time round when he went on the ...**

**Xhud:** **When he went on the other side he was overtaking a car.**

**Qorti:** **Mela kien hemm karozza ohra quddiemek sinjura.**

**Xhud:** **Ovvja pero' it all happened so quick pero' I'm sure li he was overtaking a car ghax infatti jien bejn ruhi u qalbi ghidt dan x'inhu dan mingnun x'inhu**

12. **Robert Bonnici** spjega kif dak inhar kien qed isuq fuq it-triq tal-Kosta minn San Giljan direzzjoni jen Bugibba. Malli wasal fejn il-Coast Line Hotel, qabel il-lukanda "f'dik il-parti il-wiesgha id-dritta nghidilha jien" ssorpasstu minibus u malli dar ma-liwja li taghti ghal din il-lukanda jara l-istess minibus mahbuta f'vann. Ix-xhud, hekk mistoqsi, ma jiftakarx jekk kienx hemm vettura ohra quddiem waqt is-sorpass tal-minibus izda jiftakar li f'dan is-sorpass il-minibus mar fuq il-kareggjata opposta jigifieri minn dik li mill-Qawra taghti ghall-Belt, tal-minibus dahal f'postu u baqa' sejjer ghall-triqtu. Dwar

velocita jghid li tal-minibus kien ghaddej aktar minnu la qabzu u kien qabzu sewwa "Kien ghaddej, dakinhar kienet ix-xita" u "xita sewwa" filwaqt li x-xhud kien ghaddej madwar hamsin u hamsa u hamsin kilometru fis-siegha. Malli imbagad halla jara lill-minbus mahbut f'vann fuq il-kareggjata opposta;

13. **Godwin Schembri** spjega li hu ma kienx ezattament involut fl-incident ghaliex kien biss qed isuq il-vettura tieghu waqt li niezla xita qalila. Malli wasal fejn il-Maghtab qabez vann ahmar mghobbi bit-tfal li kien ghaddej bil-mod hafna. Xi zewg minuti wara, meta allura kien qabez il-Coast Road u kien qed javvicina s-Sunny Coast (riferibilment ghall-lukanda b'dak l-isem), ghaddiha u f'daqqa wahda ra vann ahmar li ftakar li kien l-istess cann li kien qabez ftit qabel, gej bid-dawl mixghul u dan il-vann qabzu fid-dawra meta x-xhud kien qed isuq fuq in-naha tieghu u ma kellu l-hadd quddiemu fi triq li hija komposta minn kareggjata wahda. F'dak il-mument ra vann abjad li kien gej fuq il-kareggjata l-ohra mid-direzzjoni opposta, ghalaq ghajnejhj u "smajt bumm head on u dak il-hin waqt li jiena qed naghmel l-overtaking van kien mimli tfal u ma waqaftx ghax ma ridx nara xena tal-biza qed tifhem". Mill-mera seta jara zewg vannijiet jahbtu head on fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Kwantu speed, jghid li kien ghaddejn madwar 50kfs jew 40 u kkalokola li tal-vann kien xi naqra iktar la darba kien ser jaqbzu u b'hekk kien ghaddej bejn 70 u 80 kfs;

14. **Shaun Buttigieg**, wiehed mill-istudenti passiggiera fil-minibus xehed illi jiftakar li dakinhar kienet ix-xita u li kien

qieghed fil-bank ta' wara x-xufier li kien "Wistin". Mill-incident ma ra xejn ghaliex dak il-hin kien qed jaqra ktieb. Bhala offizi sofra girfa u tbengila fuq zaqqu li kienet l-marka tas-"seat belt". Dan ix-xhud xehed f'Novembru 2010 meta l-incident sehh fl-Jannar tas-sena 2009 u jghid illi xi kultant ihoss l-ugiegh f'zaqqu. Omm dan ix-xhud, **Diane Buttigieg**, kkonfermat illi wara jumejn bdew hergin xi tbengil fuq binha u l-ugiegh ta' zaqq li jilmenta minnu mhu xejn gravi u jghaddilu wara ftit;

15. Kienu ukoll esebiti diversi ritratti mehuda *inter alia* minn fotografi ta' gurnali lokali li juru is-sit tal-incident fl-isfond ta' triq imxarrba kawza tax-xita u dawn kienu ukoll debitament konfermati;

**Provi dwar l-allegati offizi fuq il-persuna:**

16. Fuq dan l-ahhar aspett xehed Dr. Nicholas Vassallo li qal li kien ezamina lill-Shaun Buttigieg li rrizulta li kellu ansjeta li damet hafna xhur biex ghaddiet;

17. **Dr. Chloe Bugeja** kkonfermat certifkat mediku esebit a fol 35 tal-atti processwali bhala mahrug minnha. Spjegat kif kienet ezaminat lill-**Kenneth Abela** li kien qed isofri minn ksur ta' l-ghadam madwar l-ghajn ix-xellugija, ksur ta' sebghu z-zghir ta' idu x-xellugij u ksur tat-tieni subgha ta' siequ l-leminija. Kellu ukoll qasma ta' madwar tliet centimetri 'l fuq minn ghajnu x-xellugija;

18. **Dr. Michael Spiteri** kkonferma c-certifikat mediku minnu mahrug u esebit a fol 34 wara li kien ezamina lill-**Roderick Magion** li kien qed ibghati minn ksur f'saqajh it-tnejn, u f'kull rigel klassifikat bhala "compound and commuited" igifieri f'iktar minn parti wahda u l-gilda kienet miftuh fuq dan il-ksur. Riferut lill-ispecjalisti tal-ortopedija, l-pazjent dam gimghat u xhur ghaddej bil-kura;

19. **Dr. Thomas Armatis** spjega kif wara li kien ezamina lill-imputat fil-15 ta' Jannar 2009, rrizulta li dan kien qed isofri mis-segwenti : "a fractured rib on the right side, a small Pneumothorax on the right side, which means there are punctured lung, contusion of the right lung and a fracture of the right kneecap".;

20. Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala xhieda lil genituri ta' wahda mill-passiggiera studenti li ddeskriviet it-trauma psikologica li ghaddiet minnha kif ukoll lit-tabiba kuranti taghha fl-istess rigward izda bint ix-xhieda mhix indikata bhala parti offiza u ghalhekk dak li intqal minn dawn ix-xhieda ma jistghax ikun kontemplat minn din il-Qorti;

**Provi dwar hsarat fil-vetturi involuti bhala provi indizzjarji dwar il- velocita'.**

21. **Tancred Tabone** xehed illi l-vettura misjuqa minn Roderick Mangion hija tad-ditta Forestals u l-assikurazzjoni ddikjaratu *total loss* u kien skrappjat;

22. **Frank Xuereb**, sid il-vettura minibus GMY 014 xehed illi din kienet skrappjata kawza tal-hsara kagjonata f'dan l-incident;

**L-aggravji tal-Avukat Generali:**

23. L-Avukat Generali jillanja s-sentenza liberatorja bil-gravami tal-enuncjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata ta' l-ipotezi tal-ligi li wasslet ghall-apprezzament zbaljat tal-provi u jissokta li l-ewwel Qorti ghazlet li taghmel taghha l-argumenti tad-difiza minghajr ma tirreferi ghall-provi u s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u d-deposizzjoni tax-xhieda prodottti;

24. Dwar dan l-aspett, din il-Qorti ezaminat ukoll in-nota ta' sottomissjonjiet tal-prosekuzzjoni kif ukoll dik tad-difiza maghmulha quddiem l-ewwel Qorti. Ghalkemm l-ewwel Qorti ghazlet illi taghmel taghha l-argumenti mressqa mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ma jfissirx b'daqshekk illi ma tatx kaz tal-argumenti u l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni. Izda, ezaminati bir-reqqa l-atti processwali, din il-Qorti tinsab f'dilemma kif l-ewwel Qorti setghet qatt taghmel taghha l-argumenti mressqa mid-difiza *in toto* meta l-provi juru mod iehor;

25. Jibda biex jinghad, u kontra dak li jargumenta l-Avukat Generali in rigward tal-istqarrija tal-imputat, din il-Qorti ser tinjora kompletament dan id-dokument kif ukoll dak li intqal mill-imputat lill-Pulizija li investiga l-kaz, lura fis-sena 2009. Din l-istqarrija kif ukoll id-dikjarazzjoni tieghu lill-Pulizija

saru fi zmien meta ma kienx ghadu in vigore id-dritt tal-assistenza legali fil-*pre-trial stage*. In linea mal-gurisprudenza fuq din il-materja u per ezemplari ssir referenza ghas-sentenza Ir-Repubbblika ta' Malta vs Rio Micallef et tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-3 ta' April, 2019, din il-Qorti ma ghandhiex ghaliex tinoltre aktar dwar dan il-punt u ser tiskarta tali dikjarazzjonijiet;

26. Il-Qorti ghalhekk mhix ser tinoltra ukoll fuq l-argumenti mressqa mill-Avukat Generali dwar dak li stqarr l-imputat bhala raguni ghaliex l-ewwel Qorti kellha ssibu hati. Ghalhekk ser tghaddi biex tikkonsidra l-aggravju kwantu jirreferi ghall-interpretazzjoni zbaljata tal-provi. Jekk din il-Qorti kellha tazzarda tirriduci l-appell tal-Avukat Generali fi ftit kliem tasal biex tghid illi l-prosekuzzjoni tistghageb kif l-imputat kien liberat meta l-fatti jitkellmu wahidhom. Dawn il-fatti jikkonsistu f'sewqan ta' minibus mimli bi tfal tal-iskola, misjuq f'kundizzjonijiet klimatici mill-ghar taht xita qalila bis-sewwieq jaqla' vettura li da parti taghha kienet qed taqla' vettura ohra u konsegwentement gie fuq il-kareggjata opposta u sab quddiem vann li kien qed juza t-triq legittimament minghajr ksur ta' ebda regola ta' sewqan;

27. Ezaminata in-nota ta' sottomissjonijet tad-difiza, l-imputat ipingi xenarju fejn ma ghandu l-ebda tort f'incident li kien kawzat b'sewqan traskurat tal-vettura li kien qed jaqla' meta ghafsu u kellu jispicca fuq il-kareggjata l-ohra. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti setghet tilqa' sottomissjoni fejn tkun mqieghda f'dawl ikrah il-verzjoni ta' sewwieq u attakkata l-kredibilita' tieghu semplicement

ghaliex l-ewwel ittri tan-numru ta' registrazzjoni tal-vettura tieghu huma GOD meta dan hu spjegabbli proprju ghaliex jismu Godwin. Lanqas ma tista' tifhem din il-Qorti kif d-difiza setghet tikapitalizza dwar zball zghir u ta' ebda konsegwenza meta xhud okulari u ghall-ahhar indipendenti l-ewwel qalet li quddiemha ma kien hemm ebda vettura meta qabizha l-minibus imbghad, wara li fehemet dak li kien qed tkun mistoqsija, kkonfermat kategorikament li l-minibus prosegwa billi qabez il-vettura li kienet quddiemha. B'daqshekk ma kellha qatt tkun mixlija li ma kienitx qed tghid il-verita';

28. Fl-istess sottomissjonijiet tieghu, l-imptat jillanja li minflok li l-proskeuzzjoni ressqet lis-sewwieq l-ohra ghazlet li tipprocedi kontra tieghu u thalli lill-ohrajn liberi. Imkien mill-provi ma jirrizulta xi sewqan tali da parti ta' terzi li kieku dan l-argument seta' qatt kien legalment accettabbli;

29. L-istess jinghad dwar il-verzjoni tas-sewwieq tal-vann u tal-passiggier tieghu li kienu kostanti fid-deskrizzjoni tal-incident meta qalu li ghall-ewwel raw vettura taqbez vettura ohra bit-tnejn gejjin mid-direzzjoni opposta, hasbu li kienu jghaddu lkoll izda f'daqqa wahda giet il-minibus u qabzithom it-tnejn li huma;

30. Ghal din il-Qorti, jirrizulta b'mod inkonfutabbli illi l-minibus kien qed jaqbez zewg vettura mexjin magenb xulxin f'manuvra ta' sorpass fi triq b'kargejjata wahda ghall-kull direzzjoni. Il-manuvra tal-imputat kienet wahda ferm u ferm azzardata u kapriccuza aktar u aktar meta kellu fir-risponsabilita' tieghu vann mimli tfal aktar u aktar f'dawk il-

kondizzjonijiet ta' xita qalila. Minn ezami approfondit tal-provi jirrizulta illi sa certu punt l-imputat kien ghaddej fit-triq bi speed tajjeb anzi pjuttost baxx izda ghal xi raguni f'certu punt, l-istess sewwieq ghazel li jaqbez vettura, jigi quddiemha u jerga jaqbez vettura li kienet qed taqbez vettura ohra, naturalment b'zieda relattiva fl-ispeed tieghu f'dawk il-kondizzjonijiet;

31. Fic-cirkostanzi, ghalhekk din il-Qorti ma tistax' ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-konkluzzjoni taghha ghaliex dik id-decizzjoni hija *unsafe and unsatisfactory* kontra dak kollu li kienu jindikaw il-provi mressqa. U din il-Qorti hija tal-konvinciment sod illi s-sewqan tal-imputat kellu mill-forma ta' traskurat u perikoluz sal punt li kienet pruata l-imputazzjoni li, izda, hi limitata ghal-sewqan traskurat fl-ewwel imputazzjoni u kwantu sewqan traskurat u perikoluz kwantu t-tieni imputazzjoni.

32. Kwantu ghall-offizi subiti mill-parte civile, l-prosekuzzjoni ppruvat dawk sofferti minn Roderick Mangion, Kenneth Abela u l-minuri Sean Buttigieg u l-istess jinghad kwantu l-hsarat involontarji fil-vetturi ta' terzi kif pruvat bid-deposizzjoni tal-assikurazzjoni u s-sidien tal-istess vetturi, hlief li din tiswa biss bhala prova indizzjarja tal-velocita'.

33. Il-Qorti ghalhekk qed tirrevoka s-sentenza appellata u wara li rat l-artikoli 17, 226(1)(a)(b)(c), tal-Kap 9 u 15(1)(a)(2) u (3) tal-Kap 9, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, t-tieni u tielet imputazzjoni u ttenni jkun precizat illi kwantu t-tielet imputazzjoni l-htija hi fir-rigward ta' sewqan traskurat u

perikoluz fit-termini tal-artikolu 15(1) (a) u (2) tal-Kap 65 u mhux dwar hsara involontarja fi hwejjeg ta' terzi stante illi l-imputazzjoni hija imposta b'mod ekwivoku u l-Avukat Generali ma ghamel l-ebda referenza ghall-artikolu 328(d) tal-Kap 9 fir-rinviju tieghu;

34. Konsegwentement jifdal d-decizzjoni dwar l-addebitu tar-recidiva. Dwar dan,, kienet esebita sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Gunju, 2004 li biha kien misjub hati ta' serq ta' sigar ghad-dedtriment tal-Gvern ta' Malta u kien ikkundannat ghal hlas ta' multa ta' Lm300.00. Illi ghalhekk jirrizulta pruvat ukoll l-addebitu tar-recidiva sia fit-termini tal-artikolu 49 kif ukoll dak 50 tal-Kodici Kriminali stante li ma kienux ghadhom ghaddew hames snin mill-kundanna ta' Lm300.00 multa;

35. Kwantu l-piena, il-Qorti hassbet fit-tul ghaliex l-agir tal-imputat fic-cirkostanzi jimmerita biss piena karcerarja u ma tarax kif l-imputat donnu jimplika li l-offizi subiti fuq il-persuni tal-parte civile llum huma ta' mprotanza zghira ghaliex dawn jghaddu maz-zmien. Dak li jimmilita favur l-imputat huwa biss it-trapass ta' zmien f'dawn il-proceduri dwar liema tkun idonea sentenza ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali izda anke dan mhux possibbli stante li huwa inapplikabbli bir-restrizzjoni imposta mill-istess artikolu la darba tirrizulta l-addebitu tar-recidiva. Ghalhekk qed tikkundanna lill-imputat ghall-piena kominabbli fiz-zmien tar-reati jigifieri ghal multa' ta' erbat elef euro (€4000.00). Inoltre, tiskwalifikah mil-licenzji tas-

sewan tieghu ghal perjodu ta' sitt xhur li jibda jidekorri minn nofs il-lejl tal-lum.